MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 915/2007

Peculium Business Advisors Limited (Numru tar-Registrazzjoni fil-Gibilta` 98399)
vs
MSC Europe Limited (Numru tar-Registrazzjoni Ingliza 3559099)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` Peculium Business Advisors Limited, u konfermat bil-gurament minn Etienne Carabott, li bih esponiet:

1. Illi, permezz ta' skrittura privata tal-20 ta' April 2007 (kopja annessa mar-rikors u immarkata 'Dok. A'), is-socjeta` attrici ftehmet ma' dik konvenuta sabiex tipprovdi lill-impjegati tal-istess socjeta` konvenuta, stazzjonati Malta in konnessjoni ma' xogholijiet kontrattati ma' Malta

Shipyards Limited, l-akkomodazzjoni u s-servizzi l-ohra dettaljati fl-istess ftehim gewwa l-lukanda Etvan Hotel Marsascala, Malta ghall-periodu bejn it-18 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Dicembru 2007, versu l-prezz u taht il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess skrittura.

2. Illi dan il-ftehim gie regolarment applikat u mhaddem mill-kontendenti fis-sens illi haddiema mibghuta mis-socjeta` konvenuta gew alloggjati mis-socjeta' attrici fl-imsemmija Lukanda Etvan u gew debitament prestati lilhom is-servizzi imsemmija fl-annessa skrittura mis-socjeta' attrici.

3. Illi l-valur totali tal-alloggjament u servizzi ohra provduti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta in ezekuzzjoni ta' dan il-ftehim u ikkalkulat appuntu bir-rati stabbiliti fl-istess ftehim jammonta ghal mija u sitta u tletin elf, disa mija u wiehed u ghoxrin lira Sterlina u sittin pence (£136921.60p) izda nonostante dak hawn taht imsemmi li gie stabilit fil-ftehim ta' bejn il-kontendenti dwar il-hlas progressiv tal-ammonti dovuti, is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsetx l-ammonti pagabbli minnha, b'mod illi l-imsemmija somma ta' mija u sitta u tletin elf, disa mija u wiehed u ghoxrin lira Sterlina u sittin pence (£136921.60p) ghadha pagabbli minnha (Dok. B).

4. Illi ghalkemm is-socjeta` attrici ghamlet diversi tentattivi permezz ta' korrispondenza mas-socjeta' debitrici sabiex l-istess socjeta` thallas lis-socjeta' attrici is-somma dovuta fir-rigward tas-servizzi provduti, tali tentattivi sfaw fix-xejn.

5. Illi s-socjeta` attrici ipprovat, ukoll minghajr success, illi tasal ghall-akkordju trilaterali mahsub fil-ftehim bejn il-kontendenti biex tircievi l-hlas dovut lilha mis-socjeta` konvenuta minghand Malta Shipyards Limited mill-ammonti talvolta pagabbli minn dik is-socjeta` lis-socjeta` konvenuta.

6. Illi fil-ftehim taghhom il-kontendenti kienu qablu li l-ammonti pagabbli mis-socjeta' konvenuta lil dik attrici skond l-istess ftehim kellhom jithallsu sa mhux aktar tard

minn ghoxrin (20) jum wara d-data tal-fattura ossija *invoice* ghall-hlas u fin-nuqqas is-socjeta` tkun intitolata tezigi l-hlas ta' imghax kalkolat b’rata annwali ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanc mhux imhallas.

7. Illi fil-ftehim taghhom il-kontendenti kienu qablu li l-Qrati Maltin ghandhom il-gurisdizzjoni esklussiva fuq kwistjonijiet illi jistghu jinqalghu in konnessjoni ma' dak il-ftehim.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex jogghoba tordna u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' mija u sitta u tletin elf, disa mija u wiehed u ghoxrin Lira Sterlina u sittin *Pence* (LStg 136,921.60) jew l-ekwivalent ta' dik is-somma f’munita Maltija kalkolata bir-rata applikabbli dak inhar tas-sentenza, u rapprezentanti, kif inghid, il-valur ta' allogg u servizzi ohra provduti mis-socjeta' attrici fuq l-inkariku u ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta, bl-imghax kalkolat mid-dati tad-diversi fatturi, skond kif il-valur u d-dati tal-istess fatturi jirrizultaw mill-provi migbura f’din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1191/07, kontra s-socjeta intimata li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi s-socjeta` intimata baqghet kontumaci.

Rat id-dokumenti a fol 153, 158 *et seq*.

Rat illi fl-1 ta’ Marzu 2010 Etienne Carabott ikkonferma bil-gurament li sal-lum is-socjeta` intimata baqghet ma hallset xejn mill-ammont pretiz, kif ukoll il-kontenur ta’ l-affidavit tieghu a fol 169 tal-process.

Semma li hu rapprezentant tas-socjeta` Peculium Business Advisors Limited b'rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta`. Din is-socjeta` registrata fil-Gibilta'. Permezz ta' skrittura privata ta’ l-20 ta' April 2007 bejn il-kumpannija Peculium Business Advisors Limited u s-socjeta` MSC Europe Limited, is-socjeta Peculium Business Advisors Limited ftehmet li tipprovdi lill-impjegati ta’ l-istess socjeta` MSC Europe Limited stazzjonati Malta in konnessjoni ma' xogholijiet kontrattati ma' Malta Shipyards Limited l-akkomodazzjoni u s-servizzi l-ohra dettaljati fl-istess ftehim gewwa l-lukanda Etvan Hotel Marsascala, Malta ghall-periodu bejn it-18 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Dicembru 2007, versu l-prezz u taht il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess skrittura.

Haddiema mibghuta mis-socjeta` intimata gew alloggjati mis-socjeta` rikorrenti fl-imsemmija Lukanda Etvan u gew debitament prestati lilhom is-servizzi. Illi l-valur totali ta’ l-alloggjament u servizzi ohra provduti mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata in ezekuzzjoni ta' dan il-ftehim u ikkalkolat appuntu bir-rati stabiliti fl-istess ftehim jammonta ghal mija u sitta u tletin elf, disa mija u wiehed u ghoxrin lira Sterlina u sittin pence (£136921.60p).

Illi is-socjeta` MSC Europe Limited qatt ma ghamlet ebda hlas akkont ta' dawn il-kontijiet. Illi meta l-kont kien tela’ ghal madwar £120,000, kienu ipprezentaw rikors ghal mandat ta' sekwestru kawtelatorju u indikaw bhala sekwestratarji lil Malta Shipyards Limited. Ftit wara li sar dan il-mandat, gie Malta certu Chris Rogers, *Operations Director* ta' MSC Europe, li jahseb li gie ghal laqghat ma' Malta Shipyards.

Minn taghrif li kellu minghand Malta Shipyards irrizulta li Malta Shipyards qed tinsisti li ma kellha thallas xejn lil MSC Europe fl-epoka meta kienet intbaghtet l-*email*

ghaliex minhabba pagamenti akkont illi kienet ghamlet Malta Shipyards, Malta Shipyards kienet qeghda tirritjeni li kellha tiehu l-flus minghand MSC Europe.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta’ £136,921.60, u dana ta’ akkomodazzjoni li s-socjeta` rikorrenti ipprovdiet lis-socjeta` intimata in segwitu ta’ ftehim bil-miktub. Irrizulta wkoll li ma sar ebda pagament akkont, u dan l-ammont gie konfermat bil-gurament minn Etienne Carabott.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ £136,921.60 ossija €151,010.92.

Bl-imghax mil-lum u bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------